

Kawża C-275/09

Brussels Hoofdstedelijk Gewest et

vs

Vlaams Gewest

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mir-Raad van State (il-Belġju))

“Direttiva 85/337/KEE — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Ajruporti b’tul bażiku tar-runway ta’ 2100 metru jew iktar — Kunċett ta’ ‘bini’ — Tiġidid tal-permess għat-tħaddim”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali P. Mengozzi, ippreżentati fis-	I - 1755
17 ta' Novembru 2010	
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Marzu 2011 . . .	I - 1768

Sommarju tas-sentenza

Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Obbligu tal-Istati Membri li jissottomettu l-projetti li jista’ jkollhom impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent għal evalwazzjoni — Kunċett ta’ “proġett” jew ta’ “bini”
(Direttiva tal-Kunsill 85/337, kifemendata bid-Direttiva 97/11, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(2), il-punt 7 tal-Anness I u l-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II)

It-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2) u l-punt 7 tal-Anness I tad-Direttiva 85/337, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 97/11 għandhom jiġi interpretati fis-sens li t-tiġidid ta' permess eżistenti li jiġi operat ajruport ma jistax, fin-nuqqas ta' xogħliljet jew interventi li jibdu r-realtà fiżika tas-sit, ikun rispettivament ikklassifikat bħala "proġett" jew "bini" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

magħmula mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 85/337, jekk dan il-permess huwiex parti minn proċedura ta' awtorizzazzjoni f'diversi stadiji intiża sabiex twassal, fi tmiemha, għat-twettiq ta' attivitajiet li jikkostitwixxu proġett fis-sens tal-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II, moqri flimkien mal-punt 7 tal-Anness I tiegħu. Fin-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ta' tali xogħliljet jew ta' interventi fl-istadju preċedenti għall-proċess tal-ħruġ tal-permess, huwa obbligu tal-qorti nazzjonali li tiżgura l-effettività tad-Direttiva billi tiżgura li tali evalwazzjoni ssir tal-inqas fl-istadju tal-ħruġ tal-permess għat-tħaddim.

Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbi u billi tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, tal-effett kumulattiv ta' diversi xogħliljet jew interventi

(ara l-punti 24, 30, 32-34, 36, 38 u d-dispożittiv)